DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

11 ta' Diċembru 2014*

"Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Appell ippreżentat f'lingwa differenti minn dik li fiha d-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li hija s-suġġett tal-appell ġiet redatta — Appell manifestament inammissibbli"

Fil-Kawża T-330/14 P,

li għandha bħala suġġett appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Jannar 2014, Jelenkowska-Luca vs Il-Kummissjoni (F-114/12, ĠabraSP, EU:F:2014:3), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza,

Ewelina Jelenkowska-Luca, uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea, residenti Ruma (l-Italja), irrappreżentata minn D. de Abreu Caldas, J.-N. Louis u M. de Abreu Caldas, avukati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn K. Herrmann u V. Joris, sussegwentement minn K. Herrmann u J. Currall, bħala aġenti,

appellata fl-ewwel istanza,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell),

komposta minn M. Jaeger, President, M. Prek u G. Berardis (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 Permezz tal-appell tagħha ppreżentat bis-saħħa tal-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appellanti, Ewelina Jelenkowska-Luca, titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Jannar 2014, Jelenkowska-Luca vs Il-Kummissjoni (F-114/12, ĠabraSP, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:F:2014:3), li biha huwa ċaħad ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-11 ta' Lulju 2012, li tiċħad l-ilment tagħha kontra

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-ġestjoni u l-likwidazzjoni tad-drittijiet individwali (PMO), tal-25 ta' Awwissu 2010, li tirrifjuta li tagħtiha l-allowance tal-espatrijazzjoni prevista fl-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

Fatti, proċedura u talbiet tal-appellanti

2 Fil-21 ta' Jannar 2014, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta s-sentenza appellata bil-Pollakk, li kienet il-lingwa tal-kawża magħżula mill-appellanti meta ppreżentat ir-rikors għal annullament tagħha quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, skont l-Artikolu 35(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, applikabbli għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bis-saħħa tal-Artikolu 29 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dan tal-aħħar. Din is-sentenza ġiet innotifikata lill-appellanti fit-22 ta' Jannar 2014.

3 Permezz ta' att imħejji bil-Franċiż u ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Marzu 2014, l-appellanti ppreżentat dan l-appell.

4 Permezz ta' ittra tal-15 ta' April 2014, ir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali informa lill-appellanti li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, l-appell ma setax jiġi rreġistrat peress li ma kienx tħejja fil-lingwa prevista mill-Artikolu 136a tar-Regoli tal-Proċedura, f'dan il-każ il-Pollakk.

5 Permezz ta' ittra tat-2 ta' Mejju 2014, wieħed mill-avukati tal-appellanti talab lill-President tal-Qorti Ġenerali jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni li ma jiġix irreġistrat l-appell u jilqa' *ex gratia* r-reġistrazzjoni tiegħu fid-data meta ġie ppreżentat l-appell, jiġifieri, fil-31 ta' Marzu 2014. F'dan ir-rigward, huwa indika li E. Jelenkowska-Luca kienet ikkuntattjat lill-uffiċċju tiegħu ftit jiem biss qabel l-iskadenza tat-terminu sabiex jiġi ppreżentat l-appell u li hija kienet ipprovdiet id-dokumenti kollha rilevanti, inkluża s-sentenza appellata, bil-Franċiż, mingħajr madankollu ma speċifikat li l-lingwa tal-kawża fl-ewwel istanza kienet il-Pollakk.

6 Peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li din l-ittra kienet tinkludi talba għal deroga mis-sistema lingwistika, skont l-Artikolu 35(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura, hija ddeċidiet li tirreġistra l-appell u, fit-18 ta' Ġunju 2014, ittrażmettiet l-imsemmija ittra lill-Kummissjoni fejn stiednet lil din tal-aħħar, skont id-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq, tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar din it-talba.

7 Fl-1 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq it-talba għal deroga mis-sistema lingwistika. Hija opponietha, billi sostniet b'mod partikolari li din it-talba kienet tardiva, peress li, bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tintuża lingwa differenti mil-lingwa tal-kawża stabbilita skont l-Artikolu 136a tar-Regoli tal-Proċedura kellha tingħata qabel l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-appell.

8 Fit-18 ta' Awwissu 2014, l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni ġew innotifikati lill-appellanti.

9 L-appellanti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Id-dritt

10 Skont l-Artikolu 145 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell, kollu jew parti minnu, ikun manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, il-Qorti Ġenerali tista', f'kull waqt, fuq ir-rapport tal-Imħallef Relatur, tiċħad l-appell kollu jew parti minnu permezz ta' digriet motivat.

11 Fil-każ ineżami, il-Qorti Ġenerali tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-proċess u tiddeċiedi, b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu, li tieħu deċiżjoni mingħajr ma tkompli bil-proċedura.

12 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell jista' jsir quddiem il-Qorti Ġenerali, fi żmien xahrejn li jiddekorru min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata, kontra d-deċiżjonijiet finali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll kontra d-deċiżjonijiet tiegħu li jaqtgħu parzjalment it-tilwima fil-mertu, jew li jikkonkludu kwistjoni proċedurali dwar eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza jew ta' inammissibbiltà.

13 Skont l-Artikolu 102(2) tar-Regoli tal-Proċedura, dan it-terminu proċedurali għandu jiżdied darba b'terminu ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza. Skont ġurisprudenza stabbilita, it-termini proċedurali u ta' distanza ma humiex separati, b'mod li, meta t-terminu proċedurali jiskadi, għandu jiżdied darba b'terminu ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza (ara d-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Gomes Moreira vs ECDC, T-39/14 P, ĠabraSP, EU:T:2014:684, punt 5 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, it-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' ordni pubbliku, billi ġie stabbilit bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċarezza u ċ-ċertezza tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi u li jiġu evitati kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u hija l-qorti tal-Unjoni Ewropea li għandha tivverifika, *ex officio*, jekk dan it-terminu jkunx ġie osservat (ara d-digriet Gomes Moreira vs ECDC, punt 13 iktar 'il fuq, EU:T:2014:684, punt 6 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Fil-każ ineżami, mill-proċess jirriżulta li s-sentenza appellata ġiet innotifikata lill-appellanti fit-22 ta' Jannar 2014. Minn dan isegwi li t-terminu sabiex jiġi ppreżentat appell, kif miżjud darba bit-terminu ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza, skada fl-1 ta' April 2014. L-appellanti appellat mis-sentenza appellata fil-31 ta' Marzu 2014, jiġifieri l-jum ta' qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu.

16 Skont l-Artikolu 136a tar-Regoli tal-Proċedura, il-lingwa tal-kawża tal-appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku hija dik li fiha d-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi appellata kienet ġiet redatta, bla ħsara għall-Artikolu 35(2)(b) u (c) u għar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 35(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

17 Il-partijiet li jippreżentaw appell quddiem il-Qorti Ġenerali huma għaldaqstant obbligati josservaw il-lingwa tal-kawża li kienet intgħażlet mir-rikorrent fil-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (ara f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tal-20 ta' Mejju 2010, Petrides vs Il-Kummissjoni, C-64/98 P-REV, EU:C:2010:279, punt 15).

18 L-Artikolu 35(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura, li jinsab fil-Kapitolu V taħt l-Ewwel Titolu, intitolat "Fuq is-sistema lingwistika", jippermetti madankollu lill-Qorti Ġenerali, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, u wara li tinstema' l-parti l-oħra, li tawtorizza l-użu totali jew parzjali ta' lingwa oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 35(1) tal-imsemmija regoli. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-kisba ta' deroga mir-regola tal-użu tal-lingwa tal-kawża, tali talba għandha jkollha magħha motivazzjoni ddettaljata u speċifika (digriet tat-13 ta' Mejju 1993, Ladbroke Racing vs Il-Kummissjoni, T-74/92, Ġabra, EU:T:1993:41, punt 14), iktar u iktar meta din issir mill-appellanti nnifisha (digriet tal-24 ta' Jannar 1997, EFMA vs Il-Kunsill, T-121/95, Ġabra, EU:T:1997:6, punt 10).

19 Barra minn hekk, l-Artikolu 35(3) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li "[i]l-lingwa tal-kawża għandha tiġi użata b'mod partikolari fis-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tal-partijiet u fl-atti u d-dokumenti annessi, kif ukoll fil-proċessi verbali u fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali" u li "[k]ull att u kull dokument ippreżentat jew anness li huwa miktub f'lingwa differenti mil-lingwa tal-kawża għandu jkollu miegħu traduzzjoni fil-lingwa tal-kawża".

20 Fil-każ ineżami, kif diġà ġie speċifikat fil-punt 2 iktar 'il fuq, il-lingwa li fiha s-sentenza appellata ġiet redatta, u għaldaqstant tal-proċedura tal-appell, hija l-Pollakk.

21 Madankollu, l-appell ippreżentat mill-appellanti fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali ġie redatt bil-Franċiż u la kellu mehmuż miegħu traduzzjoni bil-Pollakk u lanqas talba għal deroga mis-sistema lingwistika.

22 Kien biss xahar wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell, kif miżjud darba bit-terminu ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza, u ħmistax-il jum wara li ġie informat mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali li l-appell ma setax jiġi rreġistrat minħabba l-fatt li l-lingwa użata ma kinitx dik prevista mill-Artikolu 136a tar-Regoli tal-Proċedura (ara l-punt 4 iktar 'il fuq), li l-avukat tal-appellanti bagħat lill-imsemmi Reġistru l-ittra li tinkludi talba għal deroga mis-sistema lingwistika (ara l-punt 5 iktar 'il fuq).

23 Issa, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-motivi invokati mill-appellanti f'din l-ittra jissodisfawx ir-rekwiżit ta' motivazzjoni suffiċjentement iddettaljata u speċifika li tippermetti li tiġi ġġustifikata deroga mill-għażla inizjali tal-lingwa li hija għamlet quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, għandu jiġi rrilevat li talba għal deroga mis-sistema lingwistika ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell u li għandha bħala suġġett preċiżament l-appell imħejji f'lingwa differenti mil-lingwa tal-kawża, bħat-talba mressqa fil-każ ineżami mill-appellanti, ma tistax twassal għal awtorizzazzjoni retroattiva tal-użu ta' din il-lingwa l-oħra fl-appell u, b'dan il-mod, ma tistax twassal sabiex l-appell jitqiegħed f'konformità *a posteriori* mar-regoli rigward is-sistema lingwistika previsti mir-Regoli tal-Proċedura.

24 Barra minn hekk, peress li d-deroga mir-regola tal-użu tal-lingwa tal-kawża hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali fuq talba li jkollha magħha motivazzjoni ddettaljata u speċifika, hija l-appellanti li għandha tipproduċi prova ta' diliġenza, billi tressaq din it-talba fil-ħin, fid-dawl tat-terminu għall-preżentata tal-appell.

25 Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li, peress li l-appell ma ġiex ippreżentat fil-lingwa tal-kawża tal-kwistjoni li wasslet għas-sentenza appellata, jiġifieri bil-Pollakk, dan l-appell ma ġiex ippreżentat skont is-sistema lingwistika tal-Qorti Ġenerali u ma huwiex ammissibbli (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet Petrides vs Il-Kummissjoni, punt 17 iktar 'il fuq, EU:C:2010:279, punt 16) u li tali raġuni għall-inammissibbiltà ma tistax tiġi evitata permezz tat-talba għal deroga mis-sistema lingwistika mressqa wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-appell.

26 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni jew li tittieħed deċiżjoni dwar il-fondatezza tat-talba għal deroga mis-sistema lingwistika.

Fuq l-ispejjeż

27 Peress li dan id-digriet ġie adottat qabel ma l-appell ġie nnotifikat lill-Kummissjoni, huwa biżżejjed li jiġi deċiż li l-appellanti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, skont l-Artikolu 87(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 144 tal-istess Regoli.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

tordna:

1) L-appell huwa miċħud.

2) E. Jelenkowska-Luca għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Il-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2014,

E. Coulon
Reġistratur

M. Jaeger
President